II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1412

tad-29 ta' Ġunju 2023

li japprova emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew ta' Indikazzjoni Ġeografika Protetta ("Colli Asolani – Prosecco / Asolo – Prosecco" (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Colli Asolani – Prosecco / Asolo – Prosecco" li ntbagħtitilha mill-Italja f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-bidliet jinkludu bidla fl-isem minn "Colli Asolani – Prosecco / Asolo – Prosecco" għal "Asolo Prosecco / Asolo".

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif meħtieġ mill-Artikolu 97(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([2]).

(3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-emendi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jiġu approvati skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar l-isem "Colli Asolani - Prosecco / Asolo – Prosecco" (DOP), huma b'dan approvati.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU C 87, 9.3.2023, p. 47.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni